MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Numru. 76/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESSICA ABELA**

**VS**

**NOEL (EMANUEL) BEZZINA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Noel Bezzina, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 259969M.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-tlieta (3) ta` Gunju, 2012, ghal habta tat-tmienja u kwart ta` filghodu (08:15hrs) gewwa l-Mosta:

1. Waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla **Mitsubishi**, bin-numru tar-registrazzjoni CAB 207, b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta` Carmela Bonanno hekk kif iccertifikat mit-tabib Dr. Jean Paul Camilleri bin-numru tar-registrazzjoni mediku 5278.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti kkunsidrat illi l-akkuzi migjuba konta l-imputat Noel Bezzina hija talli fit-3 ta' Gunju 2012 ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu (08:15hrs) gewwa l-Mosta waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla **Mitsubishi** bin-numru tar-registrazzjoni CAB 207 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u nuqqas ta' hila, jew b'nuqqas tieghu jew b'nuqqas ta' harsien ghar-regoli tat-traffiku involontarjament ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Carmela Bonanno kif iccertifikat mit-tabib Dr. Jean Paul Camilleri.

Il-Qorti stabilixxiet il-fatt li fl-ewwel lok illi dan l-incident sehh u dana bl-ammissjoni stess tal-imputat, illi xehed li waqt li huwa kien qieghed jirriversja go post vacanti tal-*parking* fil-limiti tal-Mosta huwa laqat lil midruba li kienet qeghda taqsam it-triq. Jirrizulta mill-fatti addebitati f'din il-kawza illi filfatt il-midruba weggghet gravament stante li kisret il-*pelvis* u dan kif kien gie certifikat mit-tabib Dr. Jean Paul Camilleri li dewwa lil istess midruba fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar Mater Dei fejn kienet rikoverata hemmhekk.

Il-Qorti trid tikonstata pero zewg affarijiet, *number one* illi l-vittma hija ta' anzjanita' avvanzata u ghalhekk hija ma ggibx ruhha b'mod normali biex timxi izda titghawweg meta hija timxi, ghalhekk jista' jkun illi s-sewwieq ma rahiex taqsam wara t-*truck* tieghu stante li t-tul taghha huwa inqas mit-tieqa li hu ghandu wara t-*truck*. Din il-possibilita' giet konstatata mill-midruba stess meta fl-okkorrenza wiehed jara illi talbet illi setgha kien illi huwa ma rahiex li qed taqsam it-triq. It-tieni konstatazzjoni huwa l-fatt li l-imputat kien qieghed jirriversja juri li l-i*speed* ma kienx wiehed gholi. Il-Qorti tirrileva wkoll li pass il-boghod minn dan l-incident kien hemm *pedestrian crossing* li ma gietx uzata mill-midruba.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat wera d-diligenza mehtiega ta' sewwieq meta hu kien qed jaghmel manuvra ta' *parking* u li kienet l-istatura tal-istess midruba kif ukoll l-irresponsabbilita' taghha illi taqsam minn fejn qasmet u ma wzatx il-*pedestrian crossing* li hija ftit il'boghod, jirrikjedi li sehh dan l-incident, u ghaldaqstant din il-Qorti tillibera lill-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------